**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR JOSEPH BONNICI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 23 TA' MEJJU, 2002

**Numru: 17**

**Avviz Nru: 1581/01 JB**

**Untours Insurance Agents Limited ghal Qatar Insurance Company kif surrogati fid-drittijiet ta' MALITRACO Ltd u l-istess MALITRACO Ltd**

**vs**

**Matthew Borg**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm735.43c (seba' mija u hamsa u tletin lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu) in linea ta' danni kkagunati f'kollizzjoni nhar l-4 t'April, 2001, meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura IAV 656 responsabbli ghall-incident stradali

bejn din u l-Ford Escort numru IAD 443 f’Hal Qormi dahal fuq il-wara tal-Escort, proprjeta’ tal-Malitraco Ltd u assikurata b’polza “comprehensive’ mal-Untours Insurance Agents Ltd noe.

Flimkien ma likwidazzjoni ta’ danni fl-ammont ta’ Lm100 (mitt lira Maltin) ghal Malitraco Ltd u Lm635.43 (sitt mija u hamsa u tletin lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu) in kwantu ghal Untours Insurance Agents Ltd noe (komplessivament: Lm735.43 seba’ mija u hamsa u tletin lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu) u kundanna lill-konvenut li jhallas id-danni msemmija.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ai terminu tal-Kap 104 u bl-imghax minn notifika ta’ l-Avviz sal-jum tal-pagament kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l- konvenut baqgha ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema lil Dr Simon Micallef Strafrace jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm735.43c (seba’ mija u hamsa u tletin lira

Maltin u tlieta u erbghin centezmu) in linea ta' danni kkagunati f'kollizzjoni nhar l-4 t'April, 2001, bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi mid-data tad-9 ta' Jannar, 2002 sad-data tal-pagament effettiv.

**Dr Joseph Bonnici**
**Gudikatur**